**MINUTI LAQGĦA NUMRU 48**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2022.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2022, fl-16:43 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 48.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

48.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 48.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

48.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera li l-Minuti tal-laqgħat numru 46 u 47 kienu għadhom mhux lesti u dan l-volum ta' xogħol li ġabu magħhom il-Konferenzi ta' Canale Monterano (Ġunju 2022) u Għawdex (Lulju 2022). Il-Kunsill qabel li dawn il-Minuti jiġu ppreżentati waqt il-laqgħa li jmiss.

## 48.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

48.4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġew allokati ħaddiem ġdid mill-*Community works Scheme.* Dan il-ħaddiem, li hu mħarreġ fis-sengħa tat-tikħil, intalab jagħmel xogħol ta'



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

tiswija mal-faċċata tal-Kunsill. Sa issa beda xogħol ta' tqaxxir u żebgħa mas-saqaf u l-*hand rail.* Is-Sindku qal li malli dan ikun lest, ser ikun qed jintalab idur iċ-Ċentru Ċiviku minn ġewwa.

48.3.2 Is-Sindku qal li inġab arblu tad-dawl *second hand* biex titwaħħal tabella *give way* fit-triq ta' Hondoq. Kellu jmur għal arblu ta' dan it-tip għaliex kull meta waħħlu tabelli f'dik iz-zona fuq kanna normali, kienu qed jiġu vandalizzati kull darba.

48.3.3 Is-Sindku ħabbar li nhar l-24 ta' Ġunju ser issir attività għall-anzjani ġo Marsalforn. L-ewwel ser issir quddiesa u wara ikla fil-Lantern Hotel.

48.3.4 Is-Sindku qal li saret attività ta' tindif nhar il-11 Ġunju, fejn il-Belvedere.

48.3.4 Is-Sindku qal li l-kumpannija *ELC* ma ġġeddiliex il-Kuntratt, u li hemm bżonn li nieħdu ħsieb il-*green areas* u billi nsaqqu tal-inqas darba fil-ġimgħa. Is-Sindku ppropona li jinstab xi ħadd temporanju sakemm jibda jaħdem il-kuntrattur li bidel lill-ELC. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li nitolbu quotes għal per eżempju 3 xhur.

48.3.5 Is-Sindku semma li tqabbad persuna biex jiżbor il-palm fi Ġnien il-Familja, u li diġa' inġabru żewġ skips. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li jsir żbir tal-palm fi Triq il-Blevedere ukoll. Is-Sindku ser ikun qed jara li dan isir.

48.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li issa li l-perjodu tal-appelli skada, s-Sur Joseph Sancto ffirma l-kuntratt mal-Kunsill. Intalab idur ir-*railings* u jagħmel tiswijiet fil-Belvedere. Dwar il-Belvedere ukoll, is-Sindku qal li qed jinġabar li-iskart minn hemm kull jum, inkluz nhar ta' Ħadd.

48.3.7 Is-Sindku qal li l-għalqa ta' madwar il-Ġebla l-Wieqfa tnaddfet mill-ħaxix ħażin.

48.3.8 Is-Sindku qal li ser isir kors għal ħaddiema tal-Kunsill fuq *Health and Safety* biex ikunu jistgħu jiżaw *grass cutter* u makkinarju simili. Dan it-taħriġ ser isir aktarx nhar l-24 ta' Ġunju imma għadu mhux ikkonfermat.

48.3.9 Is-Sindku semma li qed isir xogħol ta' żebgħa u tiswija fit-toilets ta' Hondoq. Imtlew toqob tas-cement. Is-ħabel tas-*swimming zone* suppost ser jitqiegħed din il-gimgħa. Il-parking ta' Hondoq ma jistax jitkabbar għax hemmhekk propjetà privata. Tneħħew żewġ Containers li kienu qed jintużaw waqt li kienet qiegħda ssir ħidma fuq id-distillatur. Kien hemm dgħajsa li tressqet mal-ħajt minn xi nies, għax kienet fin-nofs u s-sid ma nstabx. Is-Sindku qal ukoll li l-kamra li nbniet bi swit id-Distillatur, liema kamra hemm qbil li tgħaddi lil Kunsill; għada f'iden il-kuntrattur. Irid isir kntratt biex jirregola l-użu għal din il-kamra. Saret ukoll talba lil Ministeru għal Għawdex biex issir tiswija tar-*railings* u l-i*slipway* tal-bajja.

48.3.10 Is-Sindku ppropona li jinxtraw t-shirts għal ħaddiema – apparti s-safety shoes u safety vests. Il-Kunsilliera qablu ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

48.3.11 Is-Sindku semma s-seminar ta' nofs ta' nhar dwar presepji li sar fis-sena 2021. Is-Sur Clayton Buttigieg issuġġerixxa li għal din is-sena jsiru 6 lezzjonijiet ta' 3 siegħat il-waħd,a matul is-sajf. Talab €80 (eskluż il-materjal) għal kull lezzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan.

48.3.13 Is-Sindku rrapporta li tlesta x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ fejn Ġnien il-familja, u li fl-opinjoni tiegħu ix-xogħol sar tajjeb.

48.3.14 Is-Sindku ppropona li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex biex isir il-ħajt tas-sejjieħ mill-Wied tal-Marġa sa fejn iċ-Ċimiterju, fuq iż-żewġ naħat. Il-Kunsill qabel ma dan.

48.3.15 Is-Sindku semma li l-kors ta' biedja organika intemm u kien success. Saru anke xi sessjonijiet ta' fieldwork. Dawk li attendew dan il-Kors urew ix-xewqa li jiffurmaw NGO fuq dan is-suġġett, u talbu permess biex jużaw is-sala tal-Kunsill għal laqgħat tagħhom. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

48.3.16 Is-Sindku qal li, wara li għal dawn l-aħħar xhur kien hemm problema bil-provista ta' xkejjer *cold mix*, issa jidher li huma available.

48.3.17 Is-Sindku semma li ħarġet skema mid-Dipartiment dwar fondi għal funtani. Issemmiet il-Funtana ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni biex tissewwa din il-funtana.

48.3.18 Is-Sindku qal li l-Kunsill tal-Qala ser jiġi pprovdut bi 3 *power assisted cycles* mir-Reġjun Għawdex.

48.3.19 Is-Sindku semma li s-saċerdot novell Fr Gabriel Vella stieden lil delegazzjonijiet li ser ikunu preżenti għall-Konferenza tal-EUISM għal ikla li ser ikun qed jagħmel wara l-prima messa tiegħu. Minkejja li Fr Gabriel qal li ma jridx flus, il-Kunsill qabel li jingħata €20 għal kull persuna li ħa tiekol biex itaffi għal parti mill-ispejjeż.

48.3.20 Is-Sindku irrefera għal laqgħa ma Transport Malta. Ġiet approvata t-talba għal zebra crossing. Instabet soluzjoni għall-*Ur Choice supermarket*. Il-Kunsill ma ngħatax permess għall-i*sleeping police* u dan għaliex minn dik it-triq jgħaddu tal-linja. Il-problema tar-*reserved parking* fi Triq taċ-Ċawl ġiet diskussa fit-tul imma milli jidher ser tibqa' hemm.

48.3.21 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li hemm quddiem l-Awtorità ta' l-Ippjanar għal installazzjoni ta' *gate* fid-daħla tal-Minutff. Għalkemm l-applikant biddel il-pjanta, il-PA xorta rrakkomandat li din it-talba tiġi miċħuda. Il-Kunsill oġġezzjona għal din l-applikazzjoni għax l-isqaq kif propost ma jwassalx għal fejn ikompli l-passaġġ.

48.3.22 Is-Sindku semma li għamel talba mal-Ministeru għal Għawdex biex l-i*sweeper* tagħhom jibda' jgħaddi mill-Qala.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

48.3.23 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-kawża fil-qorti kontra Peter Paul Said, dwar it-taħmil tal-grawnd tal-futbol ġiet skedata għat-trattazjoni f'Settembru.

48.3.24 Is-Sindku qal li hu u l-iskrivana Rose Anne Azzopardi ltaqgħu ma uffiċjali tar-Reġjun Għawdex fejn ġew diskussi l-Kultura u Fondi tal-Unjoni Ewropeja.

## 48.4 Aġġornament fuq il-programm EUISM

48.4.1 Għal din il-parti tal-laqgħa kien mistieden is-Sur Paul Fenech, li ingħaqad fil-laqgħa *online* permezz ta' *messenger*. Il-Kunsilliera qablu li dan l-*item* jimxi 'il fuq fl-aġenda.

48.4.2 Is-Sur Fenech irrapporta li kellu diskussjonijiet fit-tul mas-Sindku ta' Canale Monterano s-Sur Bettarelli, u fil-fehma tiegħu jidher li ta' Canale Monterano jafu x'qed jagħmlu u li huma ppreparati sew għal din il-Konferenza.

48.4.3 Is-Sur Fenech għadda għad-dmirijiet tal-Kunsilliera waqt il-Konferenza ta' Canale Monterano.

48.4.3.1 Minħabba dak li qed jiġri fl-Ukraina, s-Sur Fenech qal li d-diskors tas-Sindku ħa jkollu jkun ta' natura politika.

48.4.3.2 Is-Sur Fenech qal li l-Kunsillier Joseph Buttigieg ser ikun responsabbli mill-preżentazzjoni. Ser tkun *powerpoint* fuq "Euroskepticism and Critical Thinking". Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa kienx hemm xi bidla tas-suġġett. Is-Sur Fenech qal li s-suġġett ser jibqa l-istess imma jissuġġerixxi *slide* jew tnejn fuq "*europositivism*".

48.4.3.3 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ser ikun fdat ukoll bis-*social environment* tas-serata ddedikata għal kultura.

48.4.3.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ħa jkolla f'idejha l-exchange of gifts.

48.4.3.5 Kull Kunsillier ser ikun fdat *topic* għall-workshop.

48.4.3.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun responsabbli mill-preparazjoni għal framework ta' x'se jsir fil-konferenza tal-Qala. Dan irid isir b'konsultazzjoni mas-Sur Angelo Ciocchetti, kemm dwar it-tema kif ukoll il-*workshops*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun responsabbli wkoll għall-preżentazzjoni ta' aħħar ġurnata. Irid isir aċċenn għal *logistics* (ez transfer airport – vapur), dettalji tat-titjiriet, enfasi fuq kemm hu diffiċli li tinsab akkomodazzjoni dak iż-żmien li jkun *peak season* tat-turiżmu f'Malta. Is-Sur Fenech semma wkoll l-importanza li l-informazzjoni mid-delegazzjonijiet taslilna malajr kemm jista' jkun.

48.4.3.7 Is-Sur Fenech talab lill-Kunsill biex jibda jaħdem fuq momentoes biex jiġu ppreżentati lid-delegazzjonijiet fi tmiem il-Konferenza ta' Għawdex. Ippreżenta xi



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

*samples* lill-Kunsill u ppropona li l-*momento* tal-Qala ikun simili. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Intlaħaq ftiehim li jiġu avviċinati *Customize Nation* għal stima.

## 48.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

48.5.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar meta ser isiru l-ħbula tas-*swimmers' zone* għal bajjiet ta' Hondoq u ta' Bumbarin. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li lilu nfurmawh li ta' Hondoq għandu jsir sal-aħħar ta' din il-ġimgħa. Il-Kunsilliera qablu li jekk ikun possibbli il-ħabel tal-*iswimmers zone* ta' Bumbarin isir fl-istess ġurnata li jitwaħħal dak ta' Hondoq.

48.5.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab għal *stop signs* fejn Triq il-Mitħna. Is-Sindku wieġeb li bdejna u saret applikazzjoni għalihom.

48.5.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li fi Triq il-Wileġ sar xi siment, qalgħawh u hemm gandott perikoluż. Is-Sindku qal li dak ma sarx kif suppost.

48.5.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg għamel referenza għal ħidma li qed issir fuq il-ħitan tas-sejjieħ madwar ir-raħal. Staqsa jekk xħin dax-xogħol ikun lest, it-traffiku tat-trakkijiet ser jerġa lura għar-rotot normali? Is-Sindku wieġeb iva.

48.5.5 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar il-laqgħa li kien hemm fil-Kunsill mas-sidien tar-*restaurants* dwar għeluq tal-pjazza. Intlaħaq qbil li ħa jiġu ordnati 8 barriers għax fil-bidu ta' Lulju ser nibdew. Iridu jkunu kbar bħal tal-Pulizija. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li jridu jsiru *posters* għal fuq facebook. Is-Sindku ssuġġerixxa li jitqabbad Paul James Mizzi. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li eventwalment ser ikun qed iħejji pjanta biex tintbgħat lil Paul James Mizzi u tkun inkluża fil-*poster*. Il-ħin li fiħ il-pjazza ser tkun magħluqa hi bejn it-8pm sa nofs il-lejl. Il-Kunsill ser ikunu qed javżaw ukoll lil tal-linja.

48.5.6 Il-Kunsillier Karl Buttigieg irrefera għall-għeluq tal-pjazza fil-ġimgħa tal-Festa. Intlaħaq qbil li l-Kunsill jikkoordina ma Fr Charles ħalli l-pjazza tingħalaq mit-Tnejn u ma jiġux ripetuti l-isbalji tas-sena l-oħra.

48.5.7 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jekk iz-*zebra crossing* hux ser ikollha xi impatt f'dak li għandu x'jaqsam ma *parking* fil-qrib. Is-Sindku ssiġġerixxa li l-Kunsillier Karl Buttigieg jikkonsulta direttament mal-Perit Godwin Sultana dwar dan.

48.5.8 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar l-arbli li ser isiru fir-*roundabout* fejn tal-Patri. Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex issir talba għal dawn l-arbli ma Transport Malta.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

48.5.8.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qara kjarifika dwar laqgħa li saret 10 ta' Mejju fiċ-Ċentru Ċiviku u li għaliha attendew rappreżentanti tal-għaqda tal-briju, l-President tal-għaqda tan-nar, is-Sur Paul Fenech, il-Kunsillier Karl Buttigieg u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

48.5.8.2 F'din il-laqgħa is-Sur Paul Fenech ippropona l-possibilita' li ż-żgħażagħ jippreparaw *show* piroteknika waqt waħda mill-ikliet li ser isiru b'rabta mal-konferenza tal-EUISM. Dawn iż-żgħażagħ intalbu jippreparaw stima u video b'demo ta' kif mistennija tkun din is-*show.*

48.5.8.3 Fit-18 ta' Mejju dawn l-istess żgħażagħ iltaqgħu mas-Sindku fejn dan qalilhom li ma hemmx flus għal din is-*show*. Is-Sindku qal li din il-laqgħa saret minn wara dahru u li l-Kunsill ma kellux dawk il-flus.

48.5.8.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg iddisassoċja ruħu mill-involviment tiegħu għal din il-proposta u li l-għaqdiet tal-Parroċċa għandom jiġu mgħejjuna u mhux imxekkla bħal ma ġara f'dan il-każ. Talab ukoll li l-Kunsilliera ikunu nfurmati xi flus baqa' li jistgħu jintużaw għal-Konferenza tal-Qala.

48.5.8.5 Il-kjarifika qiegħda tiġi mehmuża fl-intier tagħha ma dawn il-minuti (ara "**Appendiċi 1**")

48.5.9 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet fuq kif toqba għal roundabout ġiet approvata mill-ewwel mill-Ministeru għal Għawdex, waqt li solar bulb għadha mhux approved. Talbet li tinkiteb talba għal bozza solar fi (fejn tal-Buzz) fi Triq Anton Buttigieg f'post indikat mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandom isiru tliet bozoz normali fi Triq il-Fortin ta' Sant' Antnin.

48.5.10 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet li ssir tindifa lill-Mużew tal-Folk. Hemm ukoll bżonn li tinbidel ħġieġa żghira s-sular ta' fuq. Is-Sindku qal li għada ħa jibda jsir dan ix-xogħol.

48.5.11 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ordnat in-notice board u frame żgħir għal-Mużew tal-folk. Dawn kienu diġa' ġew maqbula dwarhom mill-Kunsill.

48.5.12 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak irrappurtat li l-*phone booth* kważi lesta. Issa rridu naħsbu għal kotba u tabella.

48.5.13 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet saritx talba biex l-isqaqien fi triq il-Wardija jiġu nnumerati? Is-Sindku wieġeb li din it-talba saret.

48.5.14 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak irrappurtat li hemm sqaq fi Triq il-Wardija, fejn joqgħodu Mark u Barbara li ma għandhomx pressa fl-ilma. Talbet biex imorru s-Sindku u l-engineer tal-Water Services fuq il-post għaliex l-ilma kollu sadid.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

48.5.15 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet jekk il-bankijiet ta' triq il-Mitħna u l-Belvedere ġewx ordnati? Is-Sindku wieġeb li l-bank tal-Belvedere ġie ordnat, imma li ta' Triq il-Mitħna ser ikun qed jara x'jista' jsir.

48.5.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li hemm passaġġ li mill-Belvedere jagħti għal fuq il-blat, u li fiħ ħafna ħmieġ. Staqsiet jistax isir Cat Café fil-Belvedere? Il-Kunsillier Joseph Buttigieg wissa biex jekk isir hekk, noqgħodu attenti għall-ilmenti.

48.5.17 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellemt dwar il-ħtieġa li ssir tiswija fuq ir-*railings* ta' Hondoq. Is-Sindku wieġeb li s-soltu l-Kunsill iħallas għal materjal, imma ċertu xogħol jista' jsir biss mill-ħaddiema tal-Ministeru. Is-Sindku semma li kellu laqgħa nhar id-9 ta' Ġunju fil-11am għandu laqgħa ma uffiċjal tal-Ministeru u ser jerġa' jqajjem dan is-suġġett.

48.5.18 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li t-toilets ta' Triq 28 ta' April 1688 qed ikunu maħmuġin. Is-Sindku qal li dan il post jaqa' taħt responsabilita' ta' ħaddiema tal-*Community Workerrs Scheme* u li hu konxju li hemm problema.

48.5.19 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak infurmat lill-Kunsill li fis-16 ta' Lulju ser isir *crafts market* fil-pjazza, filgħaija. Semmiet li probabilment l-istess imwejjed ser jintużaw il-Ħadd ukoll. Il-bankarelli ser jiġu pprovduti mill-Ministeru għal Għawdex; imma l-ħaddiema qalulha li bħala Kunsill inkunu rridu nixtrulom żewġ pakketti *heavy duty tie clips bags*, (taż-żewġ piedi); u żewġ pakketti *tie clips* (tal-pied). Il-Kunsill qabel ma dan.

48.5.20 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li saritlu talba mis-Sa. Grace Cremona għal *double yellow line* fi Triq il-Wardija. Is-Sindku qal li il-ġimgħa d-dieħla ser isir.

48.5.21 Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet li jsir yellow line f'tas-Simar, quddiem il-gate ta' omm is-Sa Pauline Muscat.

48.5.22 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa jekk il-fanal għal Triq il-Wileġ sarx. Is-Sindku qal li dan il-fanal għadu kemm ġie *delivered* il-Kunsill. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ser ikun qed jitkellem mal-kuntrattur għaliex dal-fanal ser ikun irid *stabilizer*.

24.5.23 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta li l-mera tat-traffiku li hemm maġemb il-kazin tal-banda qed joqgħodu iħarrkuha. Staqsa hux possibbli li ngħollu din il-mera? Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

24.5.24 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar kienx hemm aġġornament fuq il-ħruq ta' skips triq ta' Grunju? Is-Sindku wieġeb li l-ispettur qed jghidlu li ser jimxu, imma baqa ma sar xejn - la fuq din u anqas fuq meta heddew lilu stess.

24.5.25 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar l-arblu fit-triq għal Hondoq, għax hu ikraħ fil-għajn. Issuġġerixxa li billi dan huwa *eyesore* dan għandu jitneħħa. Is-Sindku wieġeb li ser jinqata'.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

24.5.26 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar il-bankijiet tal-Belvedere. Is-Sindku wieġeb li dawn ġew ordnati

24.5.27 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li xi ħadd għamel tabella "private" fil-Belvedere. Skond informazzjoni mogħtija lil Viċi Sindku, kien is-Sindku li ta l-ok biex din titwaħħal. Is-Sindku ċaħad kategorikament u qal li din hi gidba.

24.5.28 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill japplika għal fondi mill-Ministeru għal Għawdex għal *Qala International Folk Festival* malajr kemm jista' jkun.

## 48.6 Aġġornament fuq ix-xogħol fi *Playing Field* Maġistrat Salvu Attard

48.6.1 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li wara li saret laqgħa fuq il-post ma kuntattur u l-perit tal-Kunsill, ix-xogħol kellu jieqaf peress li l-PA talbu titlu tal-art biex jagħtuna l-fondi. Hemm ittra l-Qorti fejn din l-art qiegħda tiġi *claimed* minn kumpannija ta' Zammit. Minn tiftix magħmul mis-Sindku jidher li dal-każ ġie differit għat-titolu u ser ikompli jinstema' f'Settembru. Meta jingħalaq il-Qorti, l-*lands* se jħallsu lis-sid u jagħmlu devoluzzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa hemmx lok li tinħareġ stqarrija dwar dan? Il-Kunsill qabel ma dan.

## 48.7 Aġġornament fuq Triq it-28 ta' April 1688

48.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit talab variation tal-kuntratt oriġinali li sar mal-Ministeru għal Għawdex, ta' €38k biex jinbidlu s-servizzi u d-drenaġġi. L-Ministeru talbu aktar tagħrif, u l-Perit bagħat l-informazzjoni mitluba

## 48.8 Żbir tas-Siġar fi Pjazza San Ġużepp

48.8.1 Is-Sindku semma li l-Ministeru għal Għawdex għandu problemi ta' ħaddiema. L-ELC anqas jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Sindku kellu laqgħa dwar dan ma uffiċċjali tal-Ministeru, fejn ġie rakkomandat li għal dan ix-xogħol ta' żbir jiġu ħaddiema minn Malta. Bħalissa l-Kunsill qed ifittex lil xi ħadd li jagħmel dan it-tip ta' xogħol għaliex iridu jinżabru qabel il-festa.

## 48.9 Tindif tat-toroq u l-Pjazza fil-jiem tal-Festa



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

48.9.1 Is-Sindku semma li qed ifittex stimi għal tindif tat-Toroq u l-Pjazza għas-segwenti ġranet fil-ġimgħa tal-festa: Il-Ħamis, Ġimgħa, Sibt u Ħadd (ħadd darbtejn). Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li jiżdied is-Sibt ta' Qabel il-festa (30 ta' Lulju, wara l-prima messa ta' Fr Gabriel). Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li jsir tindif ukoll l-Erbgħa ta' qabel il-festa (3 ta' Awwissu). L-Aġent Segretarju Eżekuttiv se jfittex x'kien jintalab fis-snin l-imgħoddija.

## 48.10 *Qala International Folk Festival*

48.10.1 Is-Sindku qal li fittex diversi bands għas-Sibt 17 ta' Settembru imma kollha kienu indisposti. L-unika band li sab u li hi disponibbli kienet l-*Upper Lip*. Qabel ma l-Kunsill għadda biex jiddiskuti jintgħażlux l-*Upper Lip*, is-Sindku ħareġ mil-laqgħa peress li hu għandu parentela ma wieħed mill-mużiċisti ta' din il-band.

48.10.2 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li jaqbel li immexxu bl-*Upper Lip* imma dawn ma jridux idoqqu "rock" iżżejjed. Il-membri preżenti qablu unanimament li titqabbad *Upper Lip* u li dawn jintalbu jdoqqu mużika popolari.

48.10.3 Wara li ttieħdet din id-deċiżjoni, s-Sindku Paul Buttigieg issejjaħ biex jidħol u jkompli jieħu sehem fil-laqgħa.

## 48.11 Materji Amministrattivi

48.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li s-Sur Joseph Sancto iffirma l-kuntratt nhar il-31 ta' Mejju u li immedjatament ġie infurmat biex jattendi għal din il-laqgħa. Is-sur Sancto wera ruħu disponibbli li jiltaqa' mal-Kunsill. Madankollu hu ma setax jattendi llum, liema data kienet magħżula minn qabel, minħabba impenji oħra. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dan biex id-data għal laqgħa li jmiss tkun tista ssir f'ġurnata li fiha s-Sur Sancto jkun jista' jattendi.

48.9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li l-*Community Workers Scheme Foundation* ipprovdiet ħaddiem ġdid lill-Kunsill tal-Qala. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħa l-okkażjoni biex jagħti merħba lis-Sur Charles Buttigieg u awguralu l-ħidma t-tajba.

48.9.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu kien fela l-ispejjeż tal-aħħar edizzjoni tal-Qala International Folk Festival; u ċerti ammonti jaqbżu it-*threshold* għal *direct orders*. Il-parir tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv hu li l-Kunsill imur għal *hand quotations*. Il-Kunsilliera qablu ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 48.12 Korrispondenzi

48.12.1 Email minn Vincent Buttigieg f'isem il-Kumitat tan-nar. Ser jorganizzaw żewġ attivitajiet bi tħejjija għal festa u talbu li dawn l-attivitajiet isiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Bħala ħlas tal-organizzazzjoni huma talbu €800 għal kull attivita'. Il-Kunsilliera qablu li jaċċettaw din it-talba.

48.12.2 Żewġ kontijiet minn Radju Leħen il-Qala għas-*sound* fil-pjazza, tal-Milied 2021u l-*airtime* li kellu l-Kunsill fl-iskeda tal-festa 2021. Dawn kienu maqbula f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li dawn iż-żewġ kontijiet jitħallsu.

48.12.3 Email minn Dun Gabriel Vella f'isem Radju Leħen il-Qala bi proposta għal *airtime* lil Kunsill fl-iskeda tal-Festa 2022 (€500) u *sound* fi Pjazza San Guzepp u Triq 28 ta' April (€900). Il-Kunsill qabel li jaċċetta dawn it-talbiet.

48.12.4 Ittra minn Qala Saints Football Club fejn talbu li l-Kunsill jikkollabora fl-attivita' "Hondoq by Night" billi jipprovdi barriers, pulizija, uffiċjali ta' *Transport Malta* u *mobile toilets*. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma din it-talba, imma li jitolbu li dawn l-ispejjeż ikunu kkwantifikati qabel ma l-attivita' sseħħ.

48.12.5 Ittra minn Qala Saints Football Club fejn fiha talbu li l-Kunsill iħallas €1000 għas-servizzi ta' Sigurta' li kienu ingħataw waqt attivita li nżammet mill-istess club fi żmien il-Milied. Dan is-servizz kien diġa' ġie approvat mill-Kunsill f'laqgħa preċedenti. Il-Kunsilliera qablu li jitħallas.

48.12.6 Ittra minn Dr Mike Tabone li kien fiha evidenza fotografika dwar ħsarat li ġarrbet il-karozza tiegħu minħabba xogħlijiet ta' tiswijiet li kienu qed isiru fi Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsilliera qablu li jitħallas ta' dawn il-ħsarat.

48.12.7 Email mir-Reġjun Għawdex datata 11 ta' Mejju dwar *Underground waste collection systems.*

48.12.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għamlet referenza għal talba mis-Sur Charlie Zammit f'isem il-*JP2 Foundation* dwar il-Concertino li sar fil-Knisja tal-Qala, fejn qal li ma rċieviex tweġiba mill-Kunsill. It-talba kienet li l-Kunsill jikkontribwixxi €200 lejn din l-attivita'. Ser ikun qed jintbgħat acknowledgement lis-Sur Zammit.

## 48.13 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

48.13.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel referenza għal email li bagħtet l-eks Segretarja Eżekuttiva Marcia Borg dwar ħlas ta' arretrati dovuti lilha, u staqsa x'ser jiġri minn din it-talba. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu għadda din l-email lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jingħata direzzjoni dwar din it-talba.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 48.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.14.2 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-1912. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tnejn, 4 ta' Lulju 2022 fl-4:30pm.

(IFIRMAT)

Paul Buttigieg
Sindku

(IFFIRMAT)

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt